MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2300/2000/1

Registratur tal-Qrati.

-vs-

Santu u Victoria konjugi Tonna.

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fis-16 t' Ottubru, 2003 , li bih l-attur ippremetta:

Illi b' rikors tat-22 ta' Lulju, 1999 (Dok. "X1"), Charles u Kristinu, ahwa Grech, Francis Cilia, Theresa Farrugia, Carmena Ellul, John Cilia u Paul Cilia esponew illi Santu u Victoria, konjugi Tonna, baqghu ikomplu matul il-lejl u

anke sal-gurnata ta' wara, b' kostruzzjoni fuq porzjoni ta' art mikrija lir-rikorrenti, u dana minkejja digriet ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Lulju, 1999 (Dok. "X2"), ghall-hrug provvizorjament ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 3386/99 kontra l-intimati, konvenuti odjerni;

Illi r-rikorrenti talbu illi din il-Qorti joghgobha tiehu dawk l-passi necessarji ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha kontra l-istess intimati;

Illi b' digriet tad-29 ta' Lulju, 1999, din il-Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti, l-attur odjern, jibda l-proceduri ghad-disprezz tal-Qorti kontra l-intimati (Dok. "X3");

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. issib lill-konvenuti hatja ta' disprezz ghall awtorita taghha fit-termini tat-titolu XVII tat-tielet ktieb tal-Kapitolu 12, u

2. tikkundannahom ghal pieni stabbiliti mill-ligi fl-istess Kap. 12;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xhieda ta' l-attrici nomine;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi:

1. It-talbiet attrici huma ghal kollox inforndati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Kif issottomettew fir-risposta taghhom ghar-rikors li ppromwova l-proceduri odjerni pprezentat minn Charles Grech et, l-esponenti obdew mill-ewwel l-ordni provvisorja tal-Qorti, appena li gew notifikati bir-rikors.

3. L-esponenti komplew bix-xoghol ta' kostruzzjoni biss meta dina l-Onorabbli Qorti cahdet definittivament il-hrug tal-Manda suggett ta' dawn il-proceduri.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-konvenuti;

Rat ix-xhieda prodotti mill-partijiet u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-16 ta' Gunju 2003 li fiha l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza giet intavolata mill-attur fuq talba ta' Charles Grech u ohrajn in segwitu ghall akkoljiment provizorju tat-talba taghhom ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (3386/99) fil-konfront tal-konvenuti.

Fil-fatt l-imsemmija Charles Grech u ohrajn, fl-20 ta' Lulju 1999, ippresentaw it-talba taghhom ghall hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex il-konvenuti ma jibqghux ghaddejjin b' kostruzzjoni ta' garage fl-art maghrufa bhala tal-Ghallis limiti tan Naxxar. Dak in har stess
talbu l-Qorti biex tilqa provizorjament it-talba taghhom, haga li

effettivament saret. Skond ir-riferta tal-marixxal, din l-ordni giet notifikata lill-konvenuti l-ghada u cioe' l-21 ta' Lulju 1999. L-attur qed jallega li l-konvenuti baqghu ghaddejjin bil-kostruzzjoni in kwistjoni. Eventwalment il-Qorti cahdet it-talba tal-ahwa Grech fis-27 ta' Lulju 1999. Sadattant pero l-ahwa Grech talbu l-inizjalar ta' dawn il-proceduri permezz ta' rikors presentat fit-22 ta' Lulju 1999.

Illi ghalhekk il-kwistjoni hi jekk fil-perjodu bejn il-21 ta' Lulju u 27 ta' Lulju 1999 sarx xoghol mill-konvenuti b' disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti.

Charles Grech fid-deposizzjoni tieghu tat-3 ta' Ottubru 2001 qal li l-konvenuti waqfu ghal xi jumejn u regghu bdew sakemm spiccaw ix-xoghol. Qal li jiftakar li x-xoghol kien jitkompla anke bil-lejl.

Francis Cilia qal fl-istess data illi jiftakar li l-konvenuti waqfu ghal jumejn imma wara komplew u jiftakar ukoll li sar xi xoghol bil-lejl.

Teresa Farrugia fid-data imsemmija qalet li tiftakar li l-konvenuti komplew ix-xoghol wara li kien hemm l-ordni biex jieqfu.

John Cilia ukoll fis-seduta tat-3 ta' Orrubru 2001 qal l-istess haga; fil-waqt li Pawlu Cilia tista tghid irrepeta l-istess storja.

Il-konvenuta fid-deposizzjoni taghha moghitja fl-14 ta' Marzu 2002 qalet li meta rcevew il-mandat marru ghand l-Avukat taghhom dak in nhar stess fil-ghaxija u waqfu mix-xghlijiet minnufih. Regghu bdew wara li t-taba ghll hrug tal-mandat giet definititvament michuda. Il-konvenut qal piu o meno l-istess haga meta xehed fis-sedua tal-4 ta' Gunju 2002 u l-istess qal iben il-konvenuti Joseph Tonna.

Fil-fehma tal-Qorti il-provi prodotti mill-attur ma tantx huma konvincenti ghas-semplici raguni li hadd mix-xhieda prodotti minnu

ma semma dati. Ma tantx hija konvincenti versjoni bazata fuq il-fatt li l-konvenuti komplew ix-xoghol wara li gie akkolt provizorjament

il-mandat meta hadd mix-xhieda ma semma dati specjalment meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni il-fatt li naturalment kienu l-konvenuti li gew notifikati bl-ordni. Hadd mill-atturi ghallinqas dak iz-zmien ma seta jkun jaf bid-data effettiva tan-notifika. Oltre dan kollha qalu li f' xi hin il-konvenuti waqfu mix-xoghol f' xi hin izda regghu bdew wara. Jista jkun allura li bdewh wara li t-talba giet michuda definittivament.

F' proceduri simili, billi hemm element kwazi ta' dritt penali, il-provi fil-konfront tal-konvenuti iridu jkunu iktar konvincenti. Fi kliem Lord Denning fil-kaz Re Bramblevale Limited (1970);

*This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court; it must be proved beyond reasonable doubt.*

Din il-fehma giet ukoll espress mill-Qorti taghna, fost ohrajn, fil-kawzi "Registratur tal-Qorti –vs- Carmelo Ellul" (Prim' Awla 30 ta' Jannar, 2003) u "Portelli –vs- Cachia" (Appell Kummercjali 28 ta' Jannar, 1991).

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti **tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** u **tichad it-talbiet attrici**.

**Bl-ispejjes kontra l-attur**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------